

Brussell, 2 ta' Settembru 2021  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0282(NLE)**

---

---

**11526/21  
ADD 1**

**AELE 84  
EEE 68  
N 107  
ISL 63  
FL 63  
CLIMA 216  
ENER 356**

## **PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Settembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 499 final - ANNEX I
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Programm LIFE)

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 499 final - ANNEX I.

---

Mehmuż: COM(2021) 499 final - ANNEX I



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 1.9.2021  
COM(2021) 499 final

ANNEX

**ANNEX**

**tal-**

**Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat  
Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-  
kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet  
(Programm LIFE)**

## ANNEX

### DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontreanti fil-Ftehim ŻEE tiġi estiża biex tinkludi r-Regolament (UE) Nru 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Il-Ħamis, 29 ta' April 2021 li jstabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013<sup>1</sup>.
- (2) Huwa xieraq li l-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fl-attivitajiet li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 2021/783 tibda mill-1 ta' Jannar 2021, irrispettivament minn meta din id-Deċiżjoni tiġi adottata, jew jekk it-twettiq tar-rekwiżiti kostituzzjonali għal din id-Deċiżjoni, jekk ikun hemm, ikun innotifikat wara l-10 ta' Lulju 2021.
- (3) Entitajiet stabbiliti fl-Istati tal-EFTA jenħtieġ li jkunu intitolati li jipparteċipaw f'attivitajiet li jibdeu qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Il-kostijiet imġarrba għal dawn l-attivitajiet, li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2021, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli taħt l-istess kundizzjonijiet bħala dawk applikabbli għal spejjeż imġarrba minn entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE sakemm din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ qabel it-tmiem tal-azzjoni kkonċernata.
- (4) Il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA u l-istituzzjonijiet, l-impriżi, l-organizzazzjonijiet u ċ-ċittadini tagħhom fil-programmi tal-Unjoni Ewropea huma stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u b'mod partikolari fl-Artikolu 81 tiegħu.
- (5) Għaldaqstant, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan, sabieħ din id-kooperazzjoni estiża tkun tista' sseħħ mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-punt segwenti jiżdied fil-paragrafu 7 tal-Artikolu 3 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

‘(f) L-atti tal-Komunità li għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2021:

---

<sup>1</sup> ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53.

- **32021 R 0783**: Ir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jstabilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53).

Il-kostijiet imġarrba għal attivitajiet li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2021 jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli mid-data tal-bidu tal-azzjoni msemmija fil-ftehim tal-għotja jew id-deċiżjoni tal-għotja kkonċernati, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fihom, dment li d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru XX/2021 ta' xx 2021 [din id-Deċiżjoni] tidħol fis-seħħ qabel tmiem l-azzjoni.

Il-Liechtenstein u n-Norveġja għandhom jiġu eżentati mill-parteċipazzjoni fi, u l-kontribuzzjoni finanzjarja għal, dan il-programm.'

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE\*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*  
*Il-President*  
[...]

*Is-Segretarji*  
*Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*  
[...]

---

\* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]